31978L0386

25.4.1978 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 113/1

L-EWWEL DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI
tat-18 ta' April 1978
li temenda l-Annessi tad-Direttiva 66/401/KEE dwar marketing taż-żerriegħa tal-pjanti għall-għalf

(78/386/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITA EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tpoġġija fis-suq taż-żerriegħa tal-pjanti għall-għalf [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/55/KEE [2], u partikolarment l-Artikolu 21a tagħha,

Billi, fid-dawl ta' l-iżvilupp ta' l-għarfien xjentifiku u tekniku, l-Annessi I, II u III tad-Direttiva għandhom ikunu emendati għarraġunijiet elenkati hawn taħt;

Billi, biex jitjieb il-valur ġenetiku taż-żerriegħa, għandhom isiru disposizzjonijiet għall-gradi ta' purità varjetali li l-uċuh tar-raba' jridu jaderixxu fil-każ ta' ċerti speċi;

Billi fejn għandu x'jaqsam dan, fil-każ ta' speċi li jiffertilizzaw lilhom infushom u tal-varjetajiet apomitiċi uniklonali tal-Poa spp., għandhom isiru disposizzjonijiet għal gradi ta' purità varjetali li ż-żerriegħa għandha taderixxi;

Billi għandhom isiru disposizzjonijiet għall-kondizzjonijiet li jridu jkunu aderiti mill-uċuh tar-raba' fejn għandha x'taqsam il-preżenza ta' l-organiżmi li jagħmlu ħsara u li jnaqqsu l-utilità taż-żerriegħa;

Billi għandhom ikunu stabbiliti gradi speċjali dwar il-kontenut massimu ta' aktar żrieragħ mhux mixtieqa jew li jagħmlu l-ħsara bħal ma hi *Agropyron repens, Avena ludoviciana, Avena sterilis, Melilotus spp., Sinapis arvensis, Raphanus raphanistrum* jew l-ispeċi tar-*Rumex* ħlief għal *Rumex acetosella, Rumex crispus u Rumex obtusifolius*;

Billi għandhom ikunu adattati gradi dwar il-kapaċità tal-ġerminazzjoni minima u l-purità analitika minima fid-dawl ta' l-iżvilupp tal-kwalità taż-żerriegħa miksuba normalment;

Billi, biex jiġu osservati l-kondizzjonijiet għall-eżami uffiċjali taż-żerriegħa li jsiru skond il-metodi internazzjonali li hawn bħalissa, huwa meħtieġ li jkunu riveduti ċerti disposizzjonijiet;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

[1] ĠU 125, tal-11.7.1966, pġ. 2298/66.
[2] ĠU L 16, ta' l-20.1.1978, pġ. 23.

Artikolu 1

Id-Direttiva 66/401/KEE hija emendata kif ġej:

1) L-Anness I għandu jaqra kif ġej:

"ANNESS I

IL-KONDIZZJONIJIET LI GĦANDHOM IKUNU ADERITI MILL-UĊUH TAR-RABA'

1. Il-ħsad ta' qabel ta' l-għalqa ma setax kien inkumpatibbli mal-produzzjoni taż-żerriegħa ta' l-ispeċi u l-varjetà ta' l-uċuh tar-raba', u l-għalqa għandha tkun ħielsa biżżejjed minn pjanti bħal dawn li huma voluntiera minn ħsad preċedenti.

2. L-uċuh tar-raba' għandhom ikunu konformi man-normi li ġejjin fejn għandhom x'jaqsmu distanzi minn sorsi qrib ta' trab dakkari li jista' jirriżulta fi traxxix ta' trab dakkari barrani li ma jkunx mixtieq:

Uċuh tar-raba'	Distanza minima
1	2
Brassica spp.:	
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa bazika	400 m
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata	200 m
Speċi jew varjetajiet oħra għal *Brassica* spp., *Pisum arvense*, il-varjetajiet apomitiċi uniklonali ta' *Poa* spp.:	
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa maħsuba għall-multiplikazzjoni, b'għelieqi li jaslu sa żewġ ettari	200 m
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa maħsuba għal-multiplikazzjoni, b'għelieqi ta' aktar minn żewġ ettari	100 m
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa maħsuba għall-produzzjoni ta' pjanti għall-għalf, b'għelieqi li jaslu sa żewġ ettari	100 m
— għall-produzzjoni taż-żerriegħa maħsuba għall-produzzjoni ta' pjanti għall-għalf, b'għelieqi li huma ta' aktar minn żewġ ettari	50 m

Dawn id-distanzi jistgħu jkunu injorati jekk ikun hemm protezzjoni biżżejjed minn kwalunkwe traxxix ta' trab dakkari barrani mhux mixtieq.

3. Il-pjanti ta' speċi oħrajn, li ż-żerriegħa tagħhom tkun diffiċli li tiddistingwiha miż-żrieragħ ta' l-uċuh tar-raba' f'test tal-laboratorju, għandhom ikunu f'livell baxx.

Partikolarment, l-uċuh tar-raba' ta' l-ispeċi tal-*lolium* għandhom ikunu konformi mal-kondizzjonijiet li ġejjin: in-numru ta' pjanti ta' l-ispeċi tal-*lolium* apparti milli għall-ispeċi ta' l-uċuh tar-raba' m'għandux jeċċedi:

— wieħed kull 50 m^2 għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika,

— wieħed kull 10 m^2 għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata.

4. L-uċuh tar-raba' għandhom ikollhom biżżejjed identità u purità varjetali. Partikolarment, l-uċuh tar-raba' ta' l-ispeċi jew tal-varjetajiet apparti għal *Pisum arvense* jew il-varjetajiet apomitiċi uniklonali tal-*Poa* spp. għandhom ikunu konformi man-normi li ġejjin: in-numru ta' pjanti ta' l-ispeċi ta' l-uċuh tar-raba' li huma identifikabbli bħala li ovvjament mhumiex veri għal varjetà m'għandhomx jeċċedu:

— wieħed kull 30 m^2 għall-produzzjoni taż-żerriegħa bażika,

— wieħed kull 10 m^2 għall-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata.

5. L-organiżmi ta' ħsara li jnaqqsu l-utilità taż-żerriegħa għandhom ikunu fl-iktar livell baxx possibbli.

6. Is-sodisfazzjon tan-normi imsemmija hawn fuq jew tal-kondizzjonijiet l-oħrajn għandhom ikunu eżaminati fi spezzjonijiet uffiċjali fuq is-sit.

   Dawn l-ispezzjonijiet fuq is-sit għandhom jitwettqu bi qbil mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

   A. Il-kondizzjoni u l-istadju tal-iżviliupp ta' l-uċuh tar-raba' għandhom jippermettu eżami adekwat.

   B. Għandu jkun hemm minn ta' lanqas spezzjoni waħda fuq is-sit.

   C. Il-qies, in-numru u d-distribuzzjoni tal-proporzjonijiet ta' l-għalqa li sejra tkun spezzjonata biex ikun eżaminat is-sodisfazzjon tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness, għandhom ikunu stabbiliti bi qbil ma' metodi xierqa."

2) L-Anness II għandu jaqra kif ġej:

ANNESS II

IL-KUNDIZZJONIJIET LI GĦANDHOM IKUNU SODISFATTI MIŻ-ŻERRIEGĦA

I. ŻERRIEGĦA ĊERTIFIKATA

1. Iż-żerriegħa għandu jkollha biżżejjed identità u purità varjetali. Partikolarment, iż-żerriegħa tal-*Pisum arvense* u tal-varjetajiet apomitiċi uniklonali tal-*Poa* spp. għandhom ikunu konformi man-normi li ġejjin jew mal-kondizzjonijiet l-oħrajn: il-purità varjetali minima trid tkun ta' 98 %.

   Il-purità varjetali minima għandha tkun eżaminata prinċipalment fl-ispezzjonijiet fuq is-sit imwettqa bi qbil mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

2. Iż-żerriegħa għandha tkun konformi man-normi li ġejjin jew mal-kondizzjonijiet l-oħrajn f'dik li għandha x'taqsam il-ġerminazzjoni, il-purità analitika u l-kontenut taż-żrieragħ ta' l-ispeċi l-oħrajn tal-pjanti, inkluża iż-żrieragħ tal-Lupini ta' kulur ieħor u dawk tal-Lupini morri:

   A. Tabella:

Speċi	Ġerminazzjoni		Purità Analitika			
	Ġerminazzjoni minima (% taż-żerriegħa pura)	Kontenut massimu taż-żerriegħa iebsa (% taz- żerriegħa pura)	Purità analitika minima (% bil-piż)	Kontenut massimu taż-żrieragħ ta' l-ispeċi ta' pjanti oħrajn (% bil-piż)		
				Total	Speċi singoli	Agropyron repens
1	2	3	4	5	6	7
GRAMINEAE						
Agrostis canina ssp. Canina	75(a)		90	2.0	1.0	0.3
Agrostis gigantea	80(a)		90	2.0	1.0	0.3
Agrostis stolonifera	75(a)		90	2.0	1.0	0.3
Agrostis tenuis	75 (a)		90	2.0	1.0	0.3
Alopecurus pratensis	70 (a)		75	2.5	1.0	0.3
Arrhenatherum clatius	75 (a)		90	3.0	1.0 (f)	0.5
Dactylis glomerata	80 (a)		90	1.5	1.0	0.3
Festuca arundinacea	80 (a)		95	1.5	1.0	0.5
Festuca ovina	75 (a)		85	2.0	1.0	0.5
Festuca pratensis	80 (a)		95	1.5	1.0	0.5
Festuca rubra	75 (a)		90	1.5	1.0	0.5
Lolium multiflorum	75 (a)		96	1.5	1.0	0.5
Lolium perenne	80 (a)		96	1.5	1.0	0.5
Lolium X hybridum	75 (a)		96	1.5	1.0	0.5
Phleum bertolonii	80 (a)		96	1.5	1.0	0.3
Phleum pratense	80 (a)		96	1.5	1.0	0.3
Poa annua	75 (a)		85	2.0 (c)	1.0 (c)	0.3
Poa nemoralis	75 (a)		85	2.0 (c)	1.0 (c)	0.3
Poa palustris	75 (a)		85	2.0 (c)	1.0 (c)	0.3
Poa pratensis	75 (a)		85	2.0 (c)	1.0 (c)	0.3
Poa trivialis	75 (a)		85	2.0 (c)	1.0 (c)	0.3
Trisetum flavescens	70 (a)		75	3.0	1.0 (f)	0.3
LEGUMINOSAE						
Hedysarum coronarium	75(a)(b)	30	95	2.5	1.0	
Lotus corniculatus	75(a)(b)	40	95	1.8 (d)	1.0 (d)	
Lupinus albus	80(a)(b)	20	98	0.5 (e)	0.3 (e)	
Lupinus angustifolinus	75(a)(b)	20	98	0.5 (e)	0.3 (e)	
Lupinus luteus	80(a)(b)	20	98	0.5 (e)	0.3 (e)	
Medicago lupulina	80(a)(b)	20	97	1.5	1.0	
Medicago sativa	80(a)(b)	40	97	1.5	1.0	
Medicago varia	80(a)(b)	40	97	1.5	1.0	
Onobrychis sativa	75(a)(b)	20	95	0.5	1.0	
Pisum arvense	80 (a)		98	1.5	0.3	
Trifolium alexandrinum	80(a)(b)	20	97	1.5	1.0	
Trifolium hybridum	80(a)(b)	20	97	1.5	1.0	
Trifolium incarnatum	75(a)(b)	20	97	1.5	1.0	
Trifolium pratense	80(a)(b)	20	97	1.5	1.0	
Trifolium repens	80(a)(b)	40	97	1.5	1.0	
Trifolium resupinatum	80(a)(b)	20	97	1.5	1.0	
Trigonella foenumgraecum	80 (a)		95	1.0	0.5	
Vicia faba spp. var. equina	85(a)(b)	5	98	0.5	0.3	
Vicia faba var. minor	85(a)(b)	5	98	0.5	0.3	
Vicia pannonica	85(a)(b)	20	98	1.0 (e)	0.5 (e)	
Vicia sativa	85(a)(b)	20	98	1.0 (e)	0.5 (e)	
Vicia villosa	85(a)(b)	20	98	1.0 (e)	0.5 (e)	
SPEĊI OĦRAJN						
Brassica napus var. napobrassica	80 (a)		98	1.0	0.5	
Brassica oleracea convar. Acephala	75 (a)		98	1.0	0.5	
Raphanus sativus ssp. Oleifera	80(a)		97	1.0	0.5	

Purità analitika				Kontenut massimu taż-żrieragħ ta' l-ispeċi tal-pjanti l-ohrajn f'kampjun tal-piż speċifikat fil-kolonna 4 ta' l-Anness III (total għal kull kolonna)			Kondizzjonijiet fejn għandu x'jaqsam il-kontenut taż-żrieragħ tal-Lupin ta' kulur ieħor u taż-żrieragħ tal-Lupin morri
Kontenut massimu taż-żrieragħ ta' l-ispeċi tal-pjanti l-ohrajn (% bil-piż)							
Alopecurus myosuroides	Melilotus spp.	Raphanus raphanistrum	Sinapis arvensis	Avena fatua, Avena ludoviciana, Avena sterilis	Cuscuta spp.	Rumex spp. ħlief għal Rumex acetosella	
8	9	10	11	12	13	14	15
0.3				0	0 (j) (k)	2	
0.3				0	0 (j) (k)	2	
0.3				0	0 (j) (k)	2	
0.3				0	0 (j) (k)	2	
0.3				0	0 (j) (k)	10	
0.3				0 (g)	0 (j) (k)	20	
0.3				0	0 (j) (k)	10	
0.3				0	0 (j) (k)	20	
0.3				0	0 (j) (k)	10	
0.3				0	0 (j) (k)	20	
0.3				0	0 (j) (k)	10	
0.3				0	0 (j) (k)	20	
0.3				0	0 (j) (k)	20	
0.3				0	0 (j) (k)	20	
0.3				0	0 (k)	20	
0.3				0	0 (k)	5	
0.3				0	0 (j) (k)	5	
0.3				0	0 (j) (k)	5	
0.3				0	0 (j) (k)	2	
0.3				0	0 (j) (k)	2	
0.3				0	0 (j) (k)	2	
0.3				0 (h)	0 (j) (k)	2	
	0.3			0	0 (k)	20	
	0.3			0	0 (l) (m)	10	
	0.3			0	0 (j)	20 (n)	(o) (p)
	0.3			0	0 (j)	20 (n)	(o) (p)
	0.3			0	0 (j)	20 (n)	(o) (p)
	0.3			0	0 (l) (m)	20	
	0.3			0	0 (l) (m)	20	
	0.3			0	0 (l) (m)	20	
	0.3			0	0 (j)	20	
	0.3			0	0 (j)	20 (n)	
	0.3			0	0 (l) (m)	20	
	0.3			0	0 (l) (m)	10	
	0.3			0	0 (l) (m)	20	
	0.3			0	0 (l) (m)	20	
	0.3			0	0 (l) (m)	10	
	0.3			0	0 (l) (m)	10	
	0.3			0	0 (j)	20	
	0.3			0	0 (j)	20 (n)	
	0.3			0	0 (j)	20 (n)	
	0.3			0 (i)	0 (j)	20 (n)	
	0.3			0 (i)	0 (j)	20 (n)	
	0.3			0 (i)	0 (j)	20 (n)	
		0.3	0.3	0	0 (j) (k)	20	
		0.3	0.3	0	0 (j) (k)	20	
		0.3	0.3	0	0 (j)	20	

B. L-*istandards* jew il-kondizzjonijiet applikabbli meta ssir referenza dwarhom fit-tabella taħt is-Sezzjoni I (2) (A) ta' dan l-Anness:

(a) Iż-żrieragħ friski u b'saħħithom kollha li ma jiġġerminawx wara l-pre-trattatament għandhom jitqiesu bħala żrieragħ li jkunu ġġerminaw.

(b) Sal-kwantità massima indikata, żerriegħa iebsa li tkun preżenti għandha titqies bħala żerriegħa li tista' tiġġermina.

(ċ) Total massimu ta' 0.8 % bil-piż taż-żrieragħ ta' l-ispeċi l-oħrajn tal-*Poa* m'għandhomx jitqiesu bħala impurità.

(d) Massimu ta' 1 % bil-piż taż-żrieragħ tat-*Trifolium pratense* m'għandhomx jitqiesu bħala impurità.

(e) Il-massimu totali ta' 0.5 % bil-piż taż-żrieragħ tal-*Lupinus albus, Lupinus angustifolius, Lupinus luteus, Pisum arvense, Vicia faba spp., Vicia pannonica, Vicia sativa, Vicia villosa* fi speċi oħra relevanti m'għandhomx jitqiesu bħala impurità.

(f) Il-perċentwali massimu preskritt bil-piż taż-żrieragħ ta' l-ispeċi singoli m'għandux japplika għaż-żerriegħa tal-*Poa* spp.

(g) It-total massimu ta' żewġ żrieragħ tal-*Avena fatua, Avena ludoviciana, Avena sterilis* f'kampjun tal-piż preskritt m'għandux jitqies bħala impurità meta t-tieni kampjun ta' l-istess piż ikun ħieles minn kwalunkwe żrieragħ ta' dawn l-ispeċi.

(h) Il-preżenza ta' żerriegħa waħda ta' *Avena fatua, Avena ludoviciana, Avena sterilis* f'kampjun tal-piż preskritt m'għandhiex titqies bħala impurità meta t-tieni kampjun tad-doppju tal-piż preskritt ikun ħieles minn kwalunkwe żerriegħa ta' dawn l-ispeċi.

(i) id-determinazzjoni taż-żrieragħ tal-*Avena fatua, Avena ludoviciana, Avena sterilis* bin-numru m'hemmx għalfejn issir sakemm ma jkunx hemm dubju li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 12 ma jkunux ġew milħuqa.

(j) id-determinazzjoni taż-żrieragħ ta' *Cuscuta* spp. bin-numru m'hemmx għalfejn issir sakemm ma jkunx hemm dubju li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 13 ma jkunux ġew milħuqa.

(k) Il-preżenza ta' żerriegħa waħda ta' *Cuscuta* spp. f'kampjun tal-piż preskritt m'għandhiex titqies bħala impurità meta t-tieni kampjun ta' l-istess piż ikun ħieles minn kwalunkwe żerriegħa tal-*Cuscuta* spp.

(l) Il-piż tal-kampjun għad-determinazzjoni taż-żrieragħ tal-*Cuscuta* spp. bin-numru għandu jkun id-doppju tal-piż speċifikat fil-kolonna 4 ta' l-Anness III għall-ispeċi relevanti.

(m) Il-preżenza ta' żerriegħa waħda tal-*Cuscuta* spp. f'kampjun tal-piż preskritt m'għandhiex titqies bħala impurità meta t-tieni kampjun tad-doppju tal-piż preskritt ikun ħieles minn kwalunkwe żerriegħa tal-*Cuscuta* spp.

(n) Id-determinazzjoni taż-żrieragħ ta' *Rumex* spp. apparti milli għal *Rumex acetosella* bin-numru m'hemmx għalfejn issir sakemm ma jkunx hemm dubju li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 14 ma jkunux ġew milħuqa.

(o) Il-perċentwali bin-numru taż-żrieragħ tal-Lupin ta' kulur ieħor m'għandux jeċċedi:

— f'Lupini morri, 2 %

— f'Lupini apparti milli għal Lupini morri 1 %

(p) Il-perċentwali bin-numru taż-żrieragħ tal-Lupini morri f'varjetajiet apparti milli għal Lupini morri m'għandux jeċċedi:
— għal żerriegħa ċertifikata ta' l-ewwel ġenerazzjoni wara żerriegħa bażika 3 %
— għal żerriegħa ċertifikata ta' ġenerazzjonijiet sussegwenti wara żerriegħa bażika 5 %

3. L-organiżmi ta' ħsara li jnaqqsu l-utilità taż-żerriegħa għandhom ikunu fl-iktar livell baxx possibbli.

II. ŻERRIEGĦA BAŻIKA

Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet t'hawn taħt, il-kondizzjonijiet stabbiliti fis-Sezzjoni I ta' dan l-Anness għandhom ikunu jgħoddu għaż-żerriegħa bażika:

1. Iż-żerriegħa tal-*Pisum arvense* u tal-varjetajiet apomitiċi uniklonali tal-*Poa* spp. għandha tkun konformi man-normi jew mal-kondizzjonijiet l-oħrajn li ġejjin: il-purità varjetali minima għandha tkun ta' 99 77 %.

   Il-purità varjetali minima għandha tkun eżaminata prinċipalment fi spezzjonijiet fuq is-sit imwettqa bi qbil mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

2. Iż-żerriegħa għandha tissodisfa n-normi jew mal-kondizzjonijiet l-oħrajn li ġejjin:

   A. Tabella:

Speċi	Kontenut massimu ta' żeriegħa ta' l-ispeċi ta' pjanti ohrajn						Normi u kondizzjonijiet ohrajn
	Total (% bil-piż)	Kontenut bin-numru f'kampjun tal-piż speċifikat fil-kolonna 4 ta' l-Anness III					
		Speċi waħdanija	Rumex spp	Agropyros Repens	Alopecurus myosuroides	Melilorus	
1	2	3	4	5	6	7	8
GRAMINEAE							
Agrostis canina ssp canina	0.3	20	1	1	1		(j)
Agrostis gigantea	0.3	20	1	1	1		(j)
Agrostis stolonifera	0.3	20	1	1	1		(j)
Agrostis tenuis	0.3	20	1	1	1		(j)
Alopecurus pratensis	0.3	20 (a)	5	5	5		(j)
Arbenatherum elatius	0.3	20 (a)	5	5	5		(i) (j)
Dactylis glomerata	0.3	20 (a)	5	5	5		(j)
Festuca arundinacea	0.3	20 (a)	5	5	5		(j)
Festuca ovina	0.3	20 (a)	5	5	5		(j)
Festuca pratensis	0.3	20 (a)	5	5	5		(j)
Festuca rubra	0.3	20 (a)	5	5	5		(j)
Lolium multiforum	0.3	20 (a)	5	5	5		(j)
Lolium perenne	0.3	20 (a)	5	5	5		(j)
Lolium X hybridum	0.3	20 (a)	5	5	5		(j)
Phleum bertolonii	0.3	20	2	1	1		(j)
Phleum pratense	0.3	20	2	1	1		(j)
Poa annua	0.3	20 (b)	1	1	1		(f) (j)
Poa nemoralis	0.3	20 (b)	1	1	1		(f) (j)
Poa palustris	0.3	20 (b)	1	1	1		(f) (j)
Poa pratensis	0.3	20 (b)	1	1	1		(f) (j)
Poa trivialis	0.3	20 (b)	1	1	1		(f) (j)
Trisetum flavescens	0.3	20 (c)	1	1	1		(i) (j)

Speċi	Kontenut massimu ta' żeriegħa ta' l-ispeċi ta' pjanti ohrajn						Normi u kondizzjonijiet ohrajn
	Total (% bil-piż)	Kontenut bin-numru f'kampjun tal-piż speċifikat fil-kolonna 4 ta' l-Anness III					
		Speċi waħdanija	Rumex spp	Agropyros Repens	Alopecurus myosuroides	Melilorus	
1	2	3	4	5	6	7	8
LEGUMINOSAE							
Hedysarum coronarium	0.3	20	5			0 (e)	(j)
Lotus corniculatus	0.3	20	5			0 (e)	(g) (j)
Lupinus albus	0.3	20	5			0 (d)	(h) (k)
Lupinus angustifolinus	0.3	20	5			0 (d)	(h) (k)
Lupinus luteus	0.3	20	5			0 (d)	(h) (k)
Medicago lupulina	0.3	20	5			0 (e)	(j)
Medicago sativa	0.3	20	5			0 (e)	(j)
Medicago varia	0.3	20	5			0 (e)	(j)
Onobrychis sativa	0.3	20	5			0 (d)	
Pisum arvense	0.3	20	5			0 (d)	
Trifolium alexandrinum	0.3	20	5			0 (e)	(j)
Trifolium hybridum	0.3	20	5			0 (e)	(j)
Trifolium incarnatum	0.3	20	5			0 (e)	(j)
Trifolium pratense	0.3	20	5			0 (e)	(j)
Trifolium repens	0.3	20	5			0 (e)	(j)
Trifolium resupinatum	0.3	20	5			0 (e)	(j)
Trigonella foenumgraecum	0.3	20	5			0 (d)	
Vicia faba spp. var. equina	0.3	20	5			0 (d)	
Vicia faba var. minor	0.3	20	5			0 (d)	
Vicia pannonica	0.3	20	5			0 (d)	(h)
Vicia sativa	0.3	20	5			0 (d)	(h)
Vicia villosa	0.3	20	5			0 (d)	(h)
SPEĊI OĦRAJN							
Brassica napus var. napobrassica	0.3	20	5				
Brassica oleracea convar. Acephala	0.3	20	5				(j)
Raphanus sativus ssp. Oleifera	0.3	20	5				(j)

B. Kondizzjonijiet *standard* jew oħrajn applikabbli meta ssir referenza għal dawn fit-tabella taħt is-Sezzjoni II (2) (A) ta' dan l-Anness:

(a) Il-massimu totali ta' 80 żerriegħa ta' *Poa* spp. m'għandux jitqies bħala impurità.

(b) Il-kondizzjoni stabbilita fil-kolonna 3 mhix applikabbli għaż-żerriegħa tal-*Poa* spp. Il-kontenut totali massimu taż-żerriegħa tal-*Poa* spp. apparti milli għall-ispeċi li għandhom ikunu eżaminati m'għandux jeċċedi aktar minn wieħed f'kampjun ta' 500 żerriegħa.

(ċ) It-total massimu ta' 20 żerriegħa tal-*Poa* spp. m'għandux jitqies bħala impurità.

(d) Id-determinazzjoni taż-żrieragħ tal-*Melilotus* spp. bin-numru m'hemmx għalfejn issir sakemm ma jkunx hemm dubju li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 7 ma jkunux ġew milħuqa.

(e) Il-preżenza ta' żerriegħa waħda tal-*Melilotus* spp. f'kampjun tal-piż preskritt m'għandhiex titqies bħala impurità meta t-tieni kampjun tad-doppju tal-piż preskritt ikun ħieles minn kwalunkwe żerriegħa tal-*Melilotus* spp.

(f) Il-kondizzjoni (c) stabbilita fis-Sezzjoni I (2) ta' dan l-Anness mhix applikabbli.

(g) il-kondizzjoni (d) stabbilita fis-Sezzjoni I (2) ta' dan l-Anness mhix applikabbli.

(h) Il-kondizzjoni (e) stabbilita fis-Sezzjoni I (2) ta' dan l-Anness mhix applikabbli.

(i) Il-kondizzjoni (f) stabbilita fis-Sezzjoni I (2) ta' dan l-Anness mhix applikabbli.

(j) Il-kondizzjonijiet (k) u (m) stabbiliti fis-Sezzjoni I (2) ta' dan l-Anness mhumiex applikabbli.

(k) Il-perċentwali bin-numru ta' żrieragħ tal-Lupini morri f'varjetajiet apparti milli għall-Lupini morri m'għandux jeċċedi aktar minn 1 %.

III. ŻERRIEGĦA KUMMERĊJALI

Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet t'hawn taħt, il-kondizzjonijiet stabbiliti fis-Sezzjoni I (2) u (3) ta' dan l-Anness għandhom ikunu jgħoddu għal żerriegħa kummerċjali:

1. Il-perċentwali bil-piż stabbiliti fil-kolonni 5 u 6 tat-tabella taħt is-Sezzjoni I (2) (A) ta' dan l-Anness huma miżjuda b'1 %.

2. Fil-*Poa annua* t-total massimu ta' 10 % bil-piż taż-żrieragħ ta' l-ispeċi l-oħrajn tal-Poa m'għandux jitqies bħala impurità.

3. Fil-*Poa* spp. apparti milli għall-*Poa annua*, it-total massimu ta' 3 % bil-piż taż-żrieragħ apparti milli għall-ispeċi tal-*Poa* m'għandux jitqies bħala impurità.

4. Fil-*Hedisarum coronarium* it-total massimu ta' 1 % bil-piż taż-żrieragħ tal-*Melilotus* spp. m'għandux jitqies bħala impurità.

5. Il-kondizzjoni (d) stabbilita fis-Sezzjoni I (2) ta' dan l-Anness għall-*Lotus corniculatus* mhix applikabbli.

6. Fl-ispeċi tal-Lupini:
   (a) il-purità analitika minima għandha tkun ta' 97 % bil-piż;
   (b) il-perċentwali bin-numru taż-żrieragħ tal-Lupini ta' kulur ieħor m'għandux jeċċedi:
      — fil-Lupini morri 4 %
      — fil-Lupin apparti milli għall-Lupini morri 2 %
   (ċ) il-perċentwali bin-numru taż-żrieragħ tal-Lupini morri fil-Lupini apparti milli għall-Lupini morri m'għandux jeċċedi 5 %

7. Fil-*Vicia* spp. it-total massimu ta' 6 % bil-piż taż-żerriegħa tal-*Vicia pannonica, Vicia villiosa* jew ta' l-ispeċi kkultivati rrelatati fi speċi relevanti oħrajn m'għandux ikun meqjus bħala impurità.

8. Fil-*Vicia pannonica, Vicia sativa, Vicia villosa* l-purità analitika minima għandha tkun 97 % bil-piż.

3) L-Anness III għandu jaqra kif ġej:

ANNESS III

IL-PIŻIJIET TAL-LOTT U TAL-KAMPJUN

Speċi	Il-piż massimu tal-lott (tunnellati)	Il-piż massimu tal-kampjun li għad irid ikun miġbur minn lott (grammi)	Il-piż tal-kampjun għad-determinazzjoni bin-numru li hemm provvediment dwaru fil-kolonni 12 sa 14 ta' l-Anness II (I) (2) (A) u l-kolonni 3 sa 7 ta' l-Anness II (2) (A) (grammi)
1	2	3	4
GRAMINEAE			
Agrostis canina spp. canina	10	50	5
Agrostis gigantea	10	50	5
Agrostis stolonifera	10	50	5
Agrostis tenuis	10	50	5
Alopecurus pratensis	10	100	30
Arrhenatherum clatius	10	200	80
Dactylis glomerata	10	100	30
Festuca arundinacea	10	100	50
Festuca ovina	10	100	30
Festuca pratensis	10	100	50
Festuca rubra	10	100	30
Lolium multiflorum	10	200	60
Lolium perenne	10	200	60
Lolium X hybridum	10	200	60
Phleum bertolonii	10	50	10
Phleum pratense	10	50	10
Poa annua	10	50	10
Poa nemoralis	10	50	5
Poa palustris	10	50	5
Poa pratensis	10	50	5
Poa trivialis	10	50	5
Trisetum flavescens	10	50	5

Speċi	Il-piż massimu tal-lott (tunnellati)	Il-piż massimu tal-kampjun li għad irid ikun miġbur minn lott (grammi)	Il-piż tal-kampjun għad-determinazzjoni bin-numru li hemm provvediment dwaru fil-kolonni 12 sa 14 ta' l-Anness II (I) (2) (A) u l-kolonni 3 sa 7 ta' l-Anness II (2) (A) (grammi)
1	2	3	4
LEGUMINOSAE			
Hedysarum coronarium			
— frott	10	1 000	300
— *żerriegħa*	10	400	120
Lotus corniculatus	10	200	30
Lupinus albus	20	1 000	1 000
Lupinus angustifolinus	20	1 000	1 000
Lupinus luteus	20	1 000	1 000
Medicago lupulina	10	300	50
Medicago sativa	10	300	50
Medicago varia	10	300	50
Onobrychis sativa			
— frott	10	600	600
— *żerriegħa*	10	400	400
Pisum arvense	20	1 000	1 000
Trifolium alexandrinum	10	400	60
Trifolium hybridum	10	200	20
Trifolium incarnatum	10	500	80
Trifolium pratense	10	300	50
Trifolium repens	10	200	20
Trifolium resupinatum	10	200	20
Trigonella foenumgraecum	10	500	450
Vicia faba spp. var. equina	20	1 000	1 000
Vicia faba var. minor	20	1 000	1 000
Vicia pannonica	20	1 000	1 000
Vicia sativa	20	1 000	1 000
Vicia villosa	20	1 000	1 000
Speċi oħrajn			
Brassica napus var. napobrassica	10	200	100
Brassica oleracea convar. Acephala	10	200	100
Raphanus sativus ssp. Oleifera	10	300	300

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi mal-:

— fl-1 ta' Jannar 1981, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 (1) fir-rigward ta' l-Anness I (3) u (4), l-Artikolu 1 (2) fir-rigward ta' l-Anness II (I) (1), u ta' l-Anness II (II) (1),

— id-disposizzjonijiet l-oħra ta' din id-Direttiva, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1980.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li ż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf ma tkun suġġetta għall-ebda restrizzjonijiet tas-suq minħabba d-dati differenti ta' l-implementar ta' din id-Direttiva, bi qbil mat-tieni inċiż tal-Paragrafu 1.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-18 ta' April 1978.

Għall-Kummissjoni
Finn GUNDELACH
Viċi President